

Brussell, 13 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15979/22

ENV 1300
CLIMA 672

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Diċembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 674 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI L-ewwel monitoraġġ u prospettiva dwar it-“tninggis zero” "Perkorsi lejn arja, ilma u ħamrija aktar nodfa"

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 674 final.

Mehmuż: COM(2022) 674 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.12.2022
COM(2022) 674 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMMITAT TAR-REĠJUNI**

L-ewwel monitoraġġ u prospettiva dwar it-“tniġġis zero”

"Perkorsi lejn arja, ilma u ħamrija aktar nodfa"

1. INTRODUZZJONI

L-arja nadifa, l-ilma nadif u l-ħamrija nadifa f'ambjent naturali reżiljenti u f'saħħtu huma fundamentali għal ħajjiet f'saħħithom. L-iżolament sfurzat mill-pandemija tal-COVID-19 paradossalment ipprova għarfien ġdid dwar il-valur ta' ambjent nadif u bijodivers. Illum, il-gwerra Russa kontra l-Ukrajna u l-kriżi ekonomika u tal-enerġija li tirriżulta minnha, l-isforzi ta' rkupru ta' wara l-COVID, u l-għargħar ikkawżat mill-klima, il-mewġiet tas-šana u n-nixfiet bla dubju qegħdin jaggravaw l-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-UE, inkluża l-isfida biex jitnaqqas it-tniġġis.

It-triq fuq perjodu ta' żmien medju u twil stabbilita mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u kkonfermata mit-tmien programm ta' azzjoni ambjentali (it-tmien EAP) għall-2030, li jistabbilixxi objettivi prijoritarji għall-2050¹, għadha valida. Dan jinkludi, f'konformità mal-għan tan-newtralità klimatika tal-2050, l-ambizzjoni ta' tniġġis zero għal ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi². Il-pjan ta' azzjoni tal-UE "Lejn tniġġis zero għall-arja, għall-ilma u għall-ħamrija"³ u l-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà⁴ jistabbilixxu viżjoni għall-2050⁵, miri kwantifikati għall-2030 u azzjonijiet konkreti biex l-UE titpoġġa fit-triq lejn l-ilħuq ta' tniġġis zero kif ukoll lejn l-ilħuq tal-għanijiet tagħha għar-restawr tal-klima u tan-natura⁶. Il-Kummissjoni ressqet diversi proposti rilevanti, l-aktar reċentement biex tiġi riveduta d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent⁷, id-Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi⁸ u taġġorna l-lista tas-sustanzi li jniġġsu l-ilma skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma⁹ kif ukoll il-proposta għall-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet Euro 7 għall-vetturi bil-mutur¹⁰. L-importanza tat-tnaqqis tat-tniġġis bħala mezz għat-titjib tas-saħħa tal-bniedem hija enfasizzata fil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer¹¹.

Dan ir-rapport integrat ta' monitoraġġ u prospettiva dwar it-"tniġġis zero" huwa parti integrali mill-qafas ta' monitoraġġ tat-tmien EAP¹² li jistabbilixxi indikaturi ewlenin għal kull objettiv prijoritarju u għodod ta' monitoraġġ oħrajn speċifiċi għas-settur, pereżempju għat-tibdil fil-klima, għall-bijodiversità¹³ u għall-ekonomija ċirkolari¹⁴, biex jipprovdi stampa dettaljata u koerenti. L-objettiv ġenerali ta' dan ir-rapport huwa li jippreżenta l-progress u l-prospettiva dwar is-sitt miri li ġew adottati fil-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Zero, billi jenfasizza wkoll il-lakuni eżistenti. Dan iwieġeb mistoqsijiet bħal: Kemm hija

¹ Ara l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/591.

² Ara l-Artikolu 2(2)(d) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/591.

³ COM(2021) 400.

⁴ COM(2020) 667.

⁵ "Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd: It-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija jitnaqqas għal livelli li mhumiex aktar ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali u li jirrispettaw il-konfini li l-pjaneta tagħna tista' tlaħħaq magħhom, u b'hekk jinħoloq ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi."

⁶ COM(2020) 380.

⁷ COM(2022) 542.

⁸ COM(2022) 541.

⁹ COM(2022) 540.

¹⁰ COM(2022) 568.

¹¹ COM(2021) 44.

¹² COM(2022) 357.

¹³ Ara [ċ-Ċentru ta' Għarfien għall-Bijodiversità](#)

¹⁴ COM(2018) 29 u SWD(2018) 17 (bħalissa qegħdin jiġu rieżaminati).

mniġġsa l-UE? X'inhuma x-xejriet matul l-aħħar snin? Nistgħu nilħqu l-miri ta' tniġġis zero għall-2030?

Dan se jappoġġa governanza aħjar dwar it-tniġġis billi, b'mod partikolari:

- joffri għarfien ġdid u rilevanti;
- jissorvelja jekk l-implimentazzjoni tal-politika tinsabx fit-triq it-tajba;
- janalizza s-sinerġiji u l-kompromessi bejn il-politiki differenti tal-UE;
- jgħin biex it-“twissijiet bikrija” jissarrfu f'rakkomandazzjonijiet dwar sustanzi niġġiesa ta' tħassib dejjem akbar abbażi tal-aħħar sejbiet tar-riċerka.

Dan jesponi wkoll għadd ta' nuqqasijiet u lakuni li se jiġu indirizzati fis-snin li ġejjin. Dawn jinkludu diffikultajiet fil-valutazzjoni tat-tniġġis tal-ħamrija minħabba n-nuqqas ta' qafas legali tal-UE għall-monitoraġġ u għar-rapportar, li se jiġu indirizzati fil-liġijiet li ġejjin dwar is-saħħa tal-ħamrija u l-monitoraġġ tal-foresti, kif ukoll l-isfida li tinġabar *data* mhux faċilment komparabbli, li tirriżulta minn sorsi jew proġetti xjentifiċi differenti, fi stampa integrata. Sfida oħra hija li jittejjbu l-kondiviżjoni u l-użu tad-*data* l-aktar reċenti disponibbli biex dawn jaderixxu mad-*data* tal-prinċipji FAIR (traċċabbli, aċċessibbli, interoperabbli u riutilizzabbli)¹⁵. Filwaqt li hija disponibbli *data* kważi f'ħin reali għall-politika dwar l-arja, id-*data* biex jiġi vvalutat l-ilma u l-ambjent tal-baħar spiss tkun skaduta u mhux kompluta, għalkemm hemm *data* aktar aġġornata disponibbli fil-livell nazzjonali¹⁶. Din il-kwistjoni hija parzjalment indirizzata fl-aħħar proposti dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' sustanzi niġġiesa tal-ilma tal-wieċ u ta' taħt l-art iżda jeħtieġ li tiġi kkomplementata minn rieżamijiet futuri tal-liġijiet rilevanti dwar l-ilma u l-baħar.

Ir-rapport huwa s-sommarju tal-politika tar-Rapport ta' Monitoraġġ li ġie kkompatat mill-EEA u jintegra d-*data* tal-passat u dik attwali l-aktar rilevanti fiż-żoni kollha ta' tniġġis immonitorjati fil-livell tal-UE¹⁷ u r-Rapport ta' Prospettiva li ġie kkoordinat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka¹⁸ tal-Kummissjoni. Ir-riżultati tal-immudellar u tal-previżjoni huma bbażati fuq valutazzjoni tal-benefiċċji mistennija għat-tnaqqis tat-tniġġis ta' inizjattivi ta' politika ewlenin - inklużi dawk li ġew ippreżentati reċentement - tal-UE. Is-sorsi ta' informazzjoni għal dan l-ewwel rapport ta' prospettiva dwar it-“tniġġis zero” jinkludu t-tielet Rapport dwar Prospettiva dwar l-Arja Nadifa¹⁹, valutazzjonijiet ta' prospettiva dwar l-istorbju²⁰, in-nutrijenti, il-konsum u l-produzzjoni u sejbiet ewlenin tar-rapport reċenti dwar il-previżjoni dwar it-tniġġis zero²¹. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-programmi ta' riċerka tal-UE nġabru fil-qosor f'rapport reċenti²² li jinkludi, għadd ta' proġetti

¹⁵ Ara [hawnhekk](#).

¹⁶ B'mod partikolari, iċ-ċikli ta' rapportar tad-Direttivi Qafas dwar l-Istrateġija dwar l-Ilma u dik Marina ma humiex adegwati għat-tfassil tal-politika u għall-implimentazzjoni u qegħdin jiġu aggravati mid-dewmien min-naħa tal-Istati Membri biex jiffinalizzaw dawn ir-rapporti. Sal-aħħar ta' Ottubru 2022, aktar minn sitt xhur wara l-iskadenzi, 14-il Stat Membru (BE, BG, CY, DK, EL, ES, HR, IE, LT, MT, PL, PT, RO u SI) ma rrapportawx it-Tielet Pjan ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara tagħhom skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u 12-il Stat Membru (BG, CY, DK, EE, EL, ES, HR, IE, LV, LT, MT u SI) ma rrapportawx l-istrateġiji marini tagħhom skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

¹⁷ EEA Zero Pollution Monitoring :<https://www.eea.europa.eu/publications/zero-pollution/zero-pollution>

¹⁸ [JRC \(2022\): “Zero pollution outlook”](#)

¹⁹ COM(2022) 673.

²⁰ EEA (2022): “Outlook to 2030-can the number of people affected by transport noise be cut by 30%?”.

²¹ [Rapport ta' FORENV 2021](#)

²² “Horizon projects supporting the zero pollution action plan”. [Rapport](#) ippubblikat mill-Kummissjoni (DG RTD) f'Ottubru 2022.

ffinanzjati mill-UE li jipprovdu appoġġ siewi u soluzzjonijiet innovattivi għall-bażi ta' għarfien dwar it-tniġġis żero.

2. MONITORAĠĠ TAT-TNIĠĠIS ŻERO

Dan il-kapitolu jiġbor fil-qosor is-sejbiet dwar il-monitoraġġ tat-tniġġis żero. Dan jiffoka fuq il-progress li sar s'issa u kemm fadal biex jintlaħqu l-miri tal-2030.

2.1. Tniġġis żero u s-saħħa

Il-miri ta' tniġġis żero u s-saħħa għall-2030²³

Skont id-dritt tal-Unjoni, l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku u f'sinerġija ma' inizjattivi oħrajn, sal-2030, l-UE għandha tnaqqas b'aktar minn **55 % l-impatti fuq is-saħħa** (imwiet prematuri) tat-**tniġġis tal-arja** u bi **30 % is-sehem ta' persuni b'disturb kroniku minħabba storbju mit-trasport**.

Sar progress tanġibbli fit-tnaqqis ta' 45 % tal-impatti dannużi fuq is-saħħa relatati mat-tniġġis tal-arja (bħall-mard tal-qalb, il-kanċer u l-mard respiratorju), meta mqabbla mal-livelli tal-2005. B'kuntrast ma' dan, il-ħsara għas-saħħa relatata mat-**tniġġis akustiku**, bħar-riskju għall-mard kardjovaskulari, id-disturb fl-irqad u l-fastidju²⁴, baqgħet pjuttost stabbli mill-2012.

Ir-rati globali għoljin ta' konformità mal-istandards tal-UE dwar it-tniġġis tal-ilma tax-xorb u għall-għawm (>99 % u >93 % rispettivament) huma inkoraġġanti. Fir-rigward tal-effetti fuq is-saħħa tal-użu ta' sustanzi kimiċi, għalkemm il-livelli ta' ċerti sustanzi kimiċi qegħdin jonqsu, l-użu ta' xi sustanzi kimiċi sostituti li jippreżentaw riskju simili qiegħed jiżdied b'mod kostanti. Minkejja l-progress li sar, aktar minn 10 % tal-imwiet prematuri fl-UE kull sena għadhom relatati mat-tniġġis ambjentali²⁵. Dan huwa dovut l-aktar minħabba livelli għoljin ta' tniġġis tal-arja, iżda wkoll minħabba t-tniġġis akustiku u l-esponiment għal sustanzi kimiċi li x'aktarx jiġi sottovalutat²⁶. It-tniġġis ma huwiex distribwit b'mod ugwali madwar l-UE. Il-persuni vulnerabbli, inklużi t-tfal, l-anzjani u l-persuni li jbatu mill-ażma jew minn mard respiratorju jew kardjovaskulari ieħor, huma aktar sensittivi għall-esponiment għat-tniġġis u daww fi gruppi soċjoekonomiċi aktar baxxi għandhom ukoll it-tendenza li jiġu esposti għal livelli oġhla ta' tniġġis²⁷.

Il-legat għat-tniġġis, eż. minn siti kkontaminati, jiswa ħafna flus biex jiġi eliminat minħabba li min iniġġes spiss ma jkunx responsabbli, ma huwiex magħruf, jew ma jkunx jista' jħallas għar-rimedju. Dan jissottolinja l-importanza li qabelxejn jiġi evitat it-tniġġis u li s-sustanzi kimiċi jiġu sostitwiti b'oħrajn anqas perikolużi. Filwaqt li nqisu l-

²³ Ara l-Anness 2 ta' COM(2021) 400 għad-dettalji.

²⁴ [EEA \(2022\)](#): "Health impacts of exposure to noise from transport".

²⁵ Ara [hawnhekk](#).

²⁶ Sottovalutazzjoni minħabba li jitqies biss għadd limitat ta' fatturi ta' riskju u, pereżempju, ma jindirizzax ir-riskji reali għas-saħħa relatati mal-esponiment għas-sustanzi kimiċi. Għaddejja ħidma fis-šubija Orizzont Ewropa għall-valutazzjoni tar-riskju mis-sustanzi kimiċi ([PARC](#)).

²⁷ Ir-[Rapport tal-EEA Nru 22/2018](#) u sinjal għid [hawnhekk](#).

lezzjonijiet li ħadna mill-passat, irridu nkunu attenti ħafna fl-indirizzar ta' sustanzi niġġiesa ta' tħassib emerġenti, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw mill-farmaċewtiċi u mill-antimikrobiċi, minn sustanzi kimiċi "forever" (bħal sustanza per- u polifluworoalkilati, PFAS), mill-interferenti endokrinali u mill-mikroplastiċi. Irridu nintroduċu wkoll miżuri biex nindirizzaw l-impatti fuq is-saħħa ta' taħlitiet ta' sustanzi kimiċi u l-effetti kkombinati tagħhom, eż. fuq il-kwalità tal-arja ta' ġewwa²⁸

Il-Kummissjoni qiegħda tindirizza dawn il-kwistjonijiet f'firxa wiesgħa ta' inizjattivi, b'mod partikolari l-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari (eż. il-mikroplastiċi), l-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà (eż. il-PFAS u r-reviżjoni tar-regoli dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ (CLP)²⁹ tas-sustanzi kimiċi, kif ukoll ir-reviżjoni tar-Regolament REACH³⁰), il-pjan ta' azzjoni ta' Tniġġis Żero (eż. il-kwalità tal-arja ta' ġewwa u l-komunikazzjoni reċenti dwar l-asbestos) u l-istrateġija dwar il-ħamrija (eż. il-liġi l-ġdida dwar is-saħħa tal-ħamrija, lista ta' prijorità tal-UE għall-kontaminanti tal-ħamrija ta' tħassib emerġenti, it-titjib tal-valutazzjoni tar-riskju)³¹. Ġie propost ukoll li l-istandards legali tal-UE għall-kwalità tal-arja jiġu allinjati b'mod progressiv mal-linji gwida rilevanti tad-WHO biex is-saħħa u l-benesseri tan-nies jiġu protetti aħjar (eż. biex ikomplu jitnaqqsu l-imwiet prematuri).

2.2. Tniġġis żero u bijodiversità

Il-miri ta' tniġġis żero u l-bijodiversità għall-2030³²

Skont id-dritt tal-Unjoni, l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku u f'sinerġija ma' inizjattivi oħrajn, sal-2030, l-UE għandha tnaqqas b'**25 % l-ekosistemi tal-UE fejn it-tniġġis tal-arja jhedded il-bijodiversità** u b'**50 % it-telf tan-nutrijenti, l-użu u r-riskju ta' pestiċidi kimiċi, l-użu ta' dawk aktar perikolużi, u l-bejgħ ta' antimikrobiċi għall-annimali mrobbija u fl-akkwakultura.**

It-tniġġis huwa wieħed mill-ħames theddidiet ewlenin għall-bijodiversità³³. Il-limiti tal-pjaneta għat-tniġġis, jiġifieri l-ispazju operazzjonali sikur tad-dinja, jinqabżu għan-nutrijenti (fl-Ewropa b'fattur ta' tnejn għall-fosforu u fattur ta' 3,3 għan-nitroġenu)³⁴ u għal "entitajiet ġodda" (inklużi s-sustanzi kimiċi u l-plastik)³⁵.

S'issa, meta mqabbel mas-snin ta' referenza³⁶, it-tniġġis tal-arja, it-tniġġis mill-pestiċidi u l-antimikrobiċi tnaqqas bi 12 % (għaż-żona tal-ekosistemi affettwati mit-tniġġis tal-arja), b'14 % (għall-użu u għar-riskju ta' pestiċidi kimiċi), b'26 % (għall-użu ta' pestiċidi

²⁸ Ara [hawnhekk](#).

²⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

³⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

³¹ COM(2020) 98, COM(2020) 667, COM(2021) 400, COM(2022) 488.

³² Ara l-[Anness 2 ta' COM\(2021\) 400](#) għad-dettalji.

³³ Dawn il-ħames theddidiet huma l-bidliet fl-użu tal-art u tal-baħar; l-isfruttament dirett tar-riżorsi naturali; it-tibdil fil-klima; it-tniġġis; u l-invażjoni ta' speċijiet aljeni (ara [IPBES](#)).

³⁴ [Rapport tal-EEA Nru 01/2020](#)

³⁵ [Persson et al. \(2022\)](#): "Outside the Safe Operating Space of the Planetary Boundary for Novel Entities", Environmental Science & Technology (2022).

³⁶ Ara l-[Anness 2 ta' COM\(2021\) 400](#) għad-dettalji.

aktar perikolużi) u bi 18 % (għall-bejgħ tal-antimikrobiċi) fir-rigward tal-miri msemmija hawn fuq. Għall-mira ta' 50 % ta' telf tan-nutrijenti, id-*data* għadha qiegħda tinġabar. Firxa ta' indikaturi³⁷ jidhru li jindikaw li t-telf tan-nutrijenti baqa' relattivament stabbli, bl-ebda indikazzjoni ta' tnaqqis sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin.

Il-limiti tat-tniġġis tal-UE għall-protezzjoni tal-bijodiversità nqabżu b'mod sinifikanti. Abbażi tad-*data* tal-2015, 23 % tal-kważi 10 000 korp tal-ilma ta' taħt l-art tal-UE u 59 % tal-kważi 100 000 korp tal-ilma tal-wiċċ tal-UE għadhom ma laħqux "status kimiku tajjeb". Abbażi tad-*data* tal-2018, 80 % taż-żona tal-baħar tal-UE għadha ma tissodisfax "status ambjentali tajjeb" għall-kontaminanti. 13-il Stat Membru ppreżentaw it-tielet Pjan ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara (RBMP) tagħhom qabel l-aħħar ta' Ottubru 2022. Analiżi preliminari tindika sitwazzjoni ġeneralment stabbli meta mqabbla mat-tieni RBMP, b'mod partikolari, għall-istatus kimiku tal-ilma ta' taħt l-art. L-istatus ekoloġiku u l-istatus kimiku tal-ilma tal-wiċċ huma aktar imħallta b'xi pajjiżi li juru sinjali ta' titjib filwaqt li oħrajn jirrapportaw kwalità li sejra għall-aġar. Għadha għaddejja analiżi aktar komprensiva³⁸.

L-evidenza xjentifika tindika sfidi addizzjonali bħal nuqqas ta' għarfien u *data* dwar it-tniġġis tal-ilma, tal-baħar u tal-ħamrija. L-impatt tas-sustanzi niġġiesa fuq l-ekosistemi jiżdied minħabba l-effetti kkombinati tagħhom. L-iskala tal-impatt tal-istorbju taħt l-ilma, tal-mikroplastiki u tat-tniġġis tad-dawl³⁹ fuq il-bijodiversità qiegħda ssir dejjem aktar evidenti⁴⁰.

Il-Kummissjoni pproponiet għadd ta' miżuri biex tiproteġi aħjar il-bijodiversità mit-tniġġis, prinċipalment bħala parti mill-istrateġija tagħha għall-bijodiversità u dik mill-għalqa sal-platt (eż. dwar il-pestiċidi, in-nutrijenti u l-antimikrobiċi), il-pjan ta' azzjoni tagħha ta' Tniġġis Zero (eż. dwar is-sustanzi niġġiesa tal-ilma, l-ilma mormi urban) u l-istrateġija tagħha dwar il-ħamrija (eż. il-liġi li ġejja dwar is-saħħa tal-ħamrija)⁴¹. Qiegħda tadatta wkoll l-istandards legali għall-aktar evidenza xjentifika reċenti u qiegħda tindirizza t-tniġġis emerġenti, eż. bil-proposta reċenti dwar il-lista ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma u l-limiti għall-istorbju taħt l-ilma skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. L-effetti kkombinati tas-sustanzi niġġiesa qegħdin jiġu indirizzati fir-reviżjoni tar-Regolament REACH u f'leġiżlazzjoni oħra dwar is-sustanzi kimiċi. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) bħalissa qiegħda tiżviluppa metodi biex tivvaluta l-effetti kumulattivi tal-pestiċidi, kif stabbilit fi Pjan ta' Azzjoni speċifiku⁴². Fl-aħħar nett, l-impatti tat-tniġġis tad-dawl fuq l-insetti li jdakkru qegħdin jiġu indirizzati mill-Inizjattiva dwar il-pollinaturi.

³⁷ Ara [hawnhekk](#).

³⁸ Ara [hawnhekk](#).

³⁹ Eż. ir-[Rapport ETC-HE tal-EEA 2022/8](#): "Review and Assessment of Available Information on Light Pollution in Europe"

⁴⁰ Ara s-sinjali [hawnhekk](#).

⁴¹ COM(2020) 380, COM(2020) 381, COM(2021) 400, COM(2022) 488.

⁴² Ara [hawnhekk](#).

2.3. Tniġġis żero u ekonomija ċirkolari

Il-miri ta' tniġġis żero u l-ekonomija ċirkolari għall-2030⁴³

Skont id-dritt tal-Unjoni, l-ambizzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku u f'sinerġija ma' inizjattivi oħrajn, sal-2030 l-UE għandha **tnaqqas b'50 % l-iskart tal-plastik fil-baħar, bi 30 % il-mikroplastiki rilaxxati fl-ambjent, b'50 % l-iskart muniċipali residwu u b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni totali tal-iskart.**

Il-progress lejn dawn il-miri kien bil-mod. Għall-iskart tal-plastik u l-mikroplastiki, il-ġbir u l-analiżi tal-2015-2020 għadhom qegħdin jitlestew u ma huwiex possibbli li jiġi pprovdut kalkolu tax-xejriet konsolidat, li ntlaħaq qbil dwaru u li huwa mifruż mal-UE kollha. Madankollu, rieżami preliminari tad-*data* disponibbli jindika li l-konċentrazzjonijiet tal-iskart tal-plastik qegħdin jonqsu fil-biċċa l-kbira tal-kosti tal-UE, li huwa sinjal inkoraġġanti. Fl-2023 se tiġi ppubblikata data armonizzata⁴⁴. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina⁴⁵, tad-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss⁴⁶, tad-Direttiva dwar il-Faċilitajiet Portwarji ta' Akkoljenza⁴⁷ u inizjattivi dwar il-mikroplastiki⁴⁸ se tgħin biex tiġi żviluppata stampa aħjar għall-iskart fil-baħar u tiġi vvalutata l-mira tal-mikroplastiki għar-rapport li jmiss fl-2024. Fir-rigward tal-iskart, l-aktar statistika reċenti tindika li bejn l-2010 u l-2020, il-ġenerazzjoni totali tal-iskart naqset b'4 %⁴⁹. Fir-rigward tal-iskart muniċipali residwu, ma ġiet identifikata l-ebda bidla sinifikanti mill-2016⁵⁰. **Fl-istess ħin, matul dawn l-aħħar 10 snin, l-iskart mill-imballaġġ żdied bi 19 %.** B'mod simili għal oqsma oħrajn, in-nuqqas ta' implimentazzjoni tal-miżuri eżistenti u ta' indirizzar ta' xi sorsi ta' tniġġis huwa r-raġuni ewlenija għall-progress limitat. Barra minn hekk, il-preżenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-prodotti tkompli xxekkel ir-riċiklaġġ tal-materjali.

B'kuntrast għal dan, it-tniġġis tal-arja u tal-ilma mill-produzzjoni fl-UE qiegħed jonqos b'mod kostanti, bl-emissjonijiet tal-UE li qegħdin jonqsu b'bejn 3 %⁵¹ u 26 %⁵² fl-2015 skont is-sustanza niġġiesa. L-**impronta ġenerali tal-konsum tal-UE**⁵³, l-impronta fuq il-materjali u l-użu kimiku mill-industrija u mill-konsumaturi s'issa huma relattivament stabbli b'numri aktar baxxi fl-2020 x'aktarx minħabba l-pandemija tal-COVID. L-**impronta fuq il-materjali**, jiġifieri d-domanda dinjija għall-estrazzjonijiet tal-materjali

⁴³ Ara l-Anness 2 ta' COM(2021) 400 għad-dettalji.

⁴⁴ [JRC \(2013\)](#): "Guidance for the Monitoring of Marine Litter"

⁴⁵ Ara aktar dettalji [hawnhekk](#).

⁴⁶ Id-Direttiva (UE) 2019/904.

⁴⁷ Id-Direttiva (UE) 2019/883.

⁴⁸ https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12823-Microplastics-pollution-measures-to-reduce-its-impact-on-the-environment_mt

⁴⁹ [Eurostat : Statistics on generation of waste by waste category](#)

⁵⁰ [EEA \(2022\)](#): "Reaching 2030's residual municipal waste target — why recycling is not enough"

⁵¹ Għall-emissjonijiet tal-ammonijaka fl-arja.

⁵² Għall-użu tal-pestiċidi kimiċi aktar perikolużi.

⁵³ L-impronta tal-konsum u dik domestika huma bbażati fuq sett ta' 16-il indikatur ibbażati fuq il-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja (LCA) (disponibbli wkoll bħala punteġġ wieħed) li l-għan tagħhom huwa li jikkwantifikaw l-impatti ambjentali tal-konsum fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri. Ara d-dettalji fuq: [JRC \(2019\)](#) u [European Platform on Life Cycle Assessment](#)

kkawżata mill-użu u mill-investment min-negozji, mill-unitajiet domestiċi u mill-gvernijiet fil-pajjiżi Ewropej, hija għolja ħafna, u hija ta' 13,7-il tunnellata għal kull persuna fl-2020. B'mod ġenerali, l-impatti ambjentali assoċjati mal-produzzjoni u mal-konsum tal-UE huma għoljin u mhux sostenibbli: diġà jaqbżu b'mod sinifikanti s-sehem tal-UE ta' diversi limiti tal-pjaneta"⁵⁴. Għalhekk huwa importanti li jitqiesu aħjar l-impatti ambjentali tal-merkanzija li nimportaw u l-“esportazzjoni tat-tniġġis” barra mill-UE. Dan huwa rilevanti, pereżempju, għas-settur tal-estrazzjoni fl-UE u barra minnha, meta titqies l-importanza tal-materja prima kritika għall-għan tal-UE li żżid l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u taċċellera t-tranżizzjoni ekoloġika. Fattur ieħor li għandu jitqies huwa l-vjeġġ tal-iskart⁵⁵.

Il-Kummissjoni diġà qiegħda tiegħu passi biex tagħmel is-sistemi ta' konsum u ta' produzzjoni aktar sikuri u sostenibbli, prinċipalment fl-ambitu tal-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari⁵⁶, (eż. miżuri dwar il-vjeġġ tal-iskart, proposta dwar l-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, ir-reviżjoni tad-direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart tal-imballaġġ)⁵⁷ u l-pjan ta' azzjoni ta' Tniġġis Żero (eż. miżuri dwar l-emissjonijiet industrijali) kif ukoll l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoeconomija⁵⁸. Huma ppjanati aktar azzjonijiet, eż. ir-reviżjoni tar-Regolamenti REACH jew il-qafas ta' valutazzjoni għal “sikur u sostenibbli mid-disinn” għas-sustanzi kimiċi u għall-materjali skont l-istrateġija dwar is-sustanzi kimiċi għas-sostenibbiltà kif ukoll l-inizjattiva għal asserzjonijiet ekoloġiċi. L-iżvilupp ulterjuri tal-metodi u tal-indikaturi tal-impronta fuq il-materjali u tal-konsum tal-UE u t-tqabbil tagħhom mal-limiti tal-pjaneta jistgħu jintroduċu wkoll intuwit sistemiku aħjar.

3. PROSPETTIVA U PREVIŻJONI TA' TNIĠĠIS ŻERO

Is-sorsi għal dan il-kapitolu jinkludu għadd ta' proġetti u inizjattivi, inklużi studji dwar l-immudellar u l-previżjoni kkoordinati mill-Kummissjoni (ara hawn taħt). Sa fejn kien possibbli, ix-xenarji ta' mmudellar qiesu l-progress mistenni li kieku l-leġislazzjoni attwali u proposta tal-UE kellha tiġi implimentata bis-sħiħ. Madankollu, kull prospettiva hija bbażata fuq suppożizzjonijiet u limitazzjonijiet speċifiċi ddokumentati fil-pubblikazzjonijiet speċifiċi msemmija hawn taħt. Is-sejbiet ta' dan l-eżerċizzju huma ppreżentati bħala Prospettivi għal arja nadifa, ilma nadif u ambjenti tal-baħar, u ħamrija nadifa.

3.1. Tniġġis żero u s-saħħa

Il-prospettiva għall-2030 fir-rigward tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju ġiet ivvalutata meta mqabbla mal-ilħuq probabbli tal-miri relatati mas-saħħa (ara 2.1).

It-tielet Prospettiva dwar l-Arja Nadifa⁵⁹ sabet li, kieku l-leġislazzjoni attwali u proposta tal-UE kellha tiġi implimentata bis-sħiħ, l-UE tnaqqas l-għadd ta' mwiet

⁵⁴ [JRC \(2020\): “Environmental sustainability of European production and consumption assessed against planetary boundaries”](#)

⁵⁵ Ara [hawnhekk](#).

⁵⁶ COM(2020) 98.

⁵⁷ COM(2021) 709, COM(2022) 142 u COM(2022) 677.

⁵⁸ COM(2018) 673/2 u SWD(2018) 431/2.

⁵⁹ COM(2022) 673.

prematuri minħabba t-tniġġis tal-arja b'aktar minn 55 % fl-2030 meta mqabbel mal-2005. Tabilħaqq, bħala riżultat tar-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Arja fl-Ambjent proposta mill-Kummissjoni⁶⁰, x'aktarx li fl-2030, jista' jinkiseb tnaqqis b'aktar minn 70 % meta mqabbel mal-livelli tal-2005. Sabiex jiġi żgurat li l-projezzjonijiet mistennija jimmaterjalizzaw ruħhom, huwa importanti li l-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi implimentata bis-sħiħ. Bl-istess mod, huwa importanti li l-proposti ta' politika reċenti, b'mod partikolari dwar l-istandards tal-emissjonijiet tal-vetturi (Euro 7), l-emissjonijiet industrijali (inkluża l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali biex tkopri l-azjendi agrikoli l-kbar, li huma mbassra li jkollhom impatt sinifikanti lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka) u l-inizjattivi fl-ambitu tal-l-inizjattiva "Lesti għall-Mira ta' 55 %" u RePowerEU jiġu adottati malajr filwaqt li jinżamm il-livell ta' ambizzjoni propost.

Fir-rigward tat-**tniġġis akustiku**, għalkemm sa mill-2002 l-UE għandha bosta biċċiet ta' leġiżlazzjoni fis-seħh⁶¹, f'dan l-istadju jidher improbabbli li tintlaħaq il-mira ta' tniġġis akustiku żero, jiġifieri li sal-2030 l-għadd ta' persuni li jsofru dannu mill-istorbju tat-trasport jitnaqqas bi 30 % (meta mqabbla mal-2017). L-istimi attwali juru li n-numru mhux se jonqos b'aktar minn 19 % sal-2030, sakemm ma jiġix adottat sett sostanzjali ta' miżuri addizzjonali fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u sakemm azzjoni msaħħa tal-UE fis-setturi tat-trasport rilevanti kollha ma twassalx għal tnaqqis ulterjuri sinifikanti fit-tniġġis akustiku. Id-distanza mill-mira tista' titnaqqas ulterjorment jekk l-Istati Membri jsaħħu l-miżuri tagħhom. Fost l-oħrajn, dan ikun jinkludi regolamenti aktar stretti dwar l-istorbju u infurzar⁶² għat-trasport, eż. it-titjib tal-vetturi u tal-operazzjonijiet tagħhom u t-tnaqqis sinifikanti tat-traffiku fit-toroq u tal-limiti tal-veloċità fil-bliet⁶³. Dan tal-aħħar diġà huwa previst minn ħafna bliet bħala parti mill-miżuri tagħhom dwar il-klima u l-kwalità tal-arja.

3.2. Tniġġis żero u bijodiversità

Il-prospettiva għall-2030 fir-rigward tat-tniġġis tan-nutrijenti tal-ambjent tal-arja, tal-ilma u dak marin ġiet ivvalutata meta mqabbla mal-ilħuq probabbli tal-miri relatati mal-bijodiversità rilevanti għan-nutrijenti (ara 2.2). F'dan l-istadju ma saret l-ebda valutazzjoni għall-pestiċidi, għall-antimikrobiċi jew fir-rigward tat-tniġġis tal-ħamrija minħabba n-nuqqas ta' *data* u ta' disponibbiltà ta' mudelli rilevanti.

It-tielet Prospettiva dwar l-Arja Nadifa sabet li s-sitwazzjoni hija aktar inkwetanti. Il-politiki attwali u dawk proposti tal-UE ma jidhrux biżżejjed biex jippermettu lill-UE tnaqqas b'25 % iż-żona tal-ekosistemi tal-UE li huma mhedda mit-tniġġis tal-arja fl-2030 meta mqabbla mal-2005. Madankollu, bl-implimentazzjoni tar-reviżjoni proposta reċentement tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali, din il-mira tista' tintlaħaq.

⁶⁰ Permezz tal-proposti biex l-istandards tal-kwalità tal-arja jiġu allinjati aktar mill-qrib mal-linji gwida tad-WHO. Ara COM(2022) 542 għad-dettalji.

⁶¹ B'mod partikolari, id-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali 2002/49/KE iżda wkoll leġiżlazzjoni speċifika dwar is-sors, eż. ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 dwar l-istorbju tat-toroq, ir-Regolament (UE) 2019/2144, ir-Regolament (UE) 1304/2014 dwar l-istorbju tal-ferroviji jew ir-Regolament (UE) Nru 598/2014 dwar l-istorbju tal-inġenji tal-ajru.

⁶² Eż. ara l-[proġett NEMO](#).

⁶³ Aktar dettalji se jiġu ppubblikati fir-Rapport ta' Implimentazzjoni li jmiss dwar id-Direttiva dwar il-Ħsejjes Ambjentali.

Il-qasam ewlieni ta' tħassib jibqa' l-emissjonijiet tal-ammonijaka mill-agrikoltura, fejn għad hemm bżonn ta' ħafna aktar sforzi ta' tnaqqis u fil-biċċa l-kbira se jiddependu fuq l-adozzjoni u fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva l-ġdida dwar l-Emissjonijiet Industrijali kif ukoll fuq l-adozzjoni effettiva tal-miżuri rilevanti għat-tniġġis proposti mill-Istati Membri fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom tal-Politika Agrikola Komuni (PAK).

Il-Prospettiva dwar l-Ilma u l-Baħar nadif⁶⁴ sabet li l-miri miftiehma tan-nutrijenti u l-miżuri addizzjonali proposti fil-livell tal-UE sa issa jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiġu eliminati l-impatti tat-tniġġis tan-nutrijenti fil-partijiet kollha tal-ibħra Ewropej. B'mod simili għax-xenarji tat-tniġġis tal-arja, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tan-nutrijenti se jiddependi ħafna fuq l-implimentazzjoni u fuq l-infurzar tal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti (jiġifieri d-Direttiva dwar in-Nitrati, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u leġislazzjoni rilevanti oħra fil-qasam tat-tniġġis tal-ilma inklużi d-Direttivi riveduti dwar l-Emissjonijiet Industrijali u dwar l-Ilma Urban Mormi). Il-miżuri adottati fl-ambitu tal-PAK il-ġdida jistgħu jikkontribwixxu għal dan il-għan. Il-Prospettiva hija appoġġata minn analiżi integrata dwar in-nutrijenti (li tħares lejn it-tniġġis tan-nitroġenu u tal-fosforu), li tindika li jista' jsir progress bil-miżuri attwali, iżda l-Istati Membri se jkollhom bżonn jieħdu azzjoni ulterjuri jekk iridu jilhqqu l-mira dwar it-telf tan-nutrijenti fl-ambjent sal-2030. Fil-livell tal-UE, **il-pjan ta' azzjoni integrat li ġej dwar il-ġestjoni tan-nutrijenti** se jesplora miżuri ta' politika ulterjuri biex tittejjeb l-effiċjenza fl-użu tan-nutrijenti u biex jitnaqqas it-telf għall-ambjent kif ukoll tekniki ġodda u l-miżuri meħtieġa biex jitrawmu l-irkupru u r-riċiklaġġ tan-nutrijenti. Barra minn hekk, Orizzont Ewropa, se jappoġġa approċċi sistemiċi biex jiġu limitati l-emissjonijiet tan-nutrijenti minn sorsi differenti, u biex il-flussi tagħhom jerġgħu lura fi ħdan limiti ekoloġiċi sikuri, pereżempju billi tittejjeb il-ġestjoni tal-prodotti fertilizzanti fl-agrikoltura filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet reġjonali. Se janalizza wkoll it-tnaqqis tal-iskart tul il-katina alimentari, flimkien ma' bidliet fis-soċjetà (bħal bidliet fid-dieta, bidliet fil-produzzjoni u fil-konsum), li jistgħu jgħinu.

Il-Prospettiva dwar il-Ħamrija tinsab fi stadju bikri ta' żvilupp. Il-ħidma li nbdiel fl-ambitu tal-istrateġija tal-UE dwar il-ħamrija u l-Osservatorju tal-UE dwar il-Ħamrija (EUSO)⁶⁵ tinkludi l-iżvilupp ta' għodod ta' mmudellar li se jippermettu t-tbassir tax-xejriet futuri tat-tniġġis. Barra minn hekk, il-Missjoni tal-UE "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa"⁶⁶ tistabbilixxi trajettorja għall-promozzjoni u għar-restawr tas-saħħa tal-ħamrija, fost l-oħrajn billi tespandi u tarmonizza l-monitoraġġ tal-ħamrija fl-Ewropa.

3.3. Tniġġis żero u ekonomija ċirkolari

Il-prospettiva għall-2030 fir-rigward tal-konsum u tal-produzzjoni harsat lejn it-tniġġis u l-konsum tal-plastik iżda ma twettqet l-ebda valutazzjoni għall-miri relatati (ara 2.3).

Il-Prospettiva dwar l-Ilma u l-Baħar eżaminat ukoll l-immudellar tat-tniġġis mill-plastik fil-Baħar Mediterran. Sal-2030, il-miżuri inklużi fl-ambitu tal-plastik li jintuża darba biss (SUP) huma mistennija li jnaqqsu l-iskart totali fil-Mediterran b'14 % biss (kemm l-iskart mifrux fil-wiċċ kif ukoll fuq il-bajja). It-tiŝiħ tad-dimensjoni transfruntiera tat-

⁶⁴ [JRC \(2022\): "Zero pollution outlook"](#)

⁶⁵ Ara [hawnhekk](#).

⁶⁶ Ara [hawnhekk](#).

tniġġis mill-plastik jeħtieġ li jiġi enfasizzat biex tintlaħaq il-mira tal-UE⁶⁷. Valutazzjoni oħra eżaminat **l-impatti tal-konsum** fuq it-tossiċità tal-ilma ħelu bħala parti minn prospettiva usa' dwar l-impronta tal-konsum⁶⁸. Din ipprevediet li l-impatti ambjentali tal-konsum tal-UE se jkomplu jiżdiedu sal-2030 u se jkomplu jiksru l-Limiti tal-Pjaneta⁶⁹, inkluż għall-ekotossiċità tal-ilma ħelu⁷⁰.

3.4. Tniġġis żero u prospettiva

Il-**prospettiva** u l-**analiżi tal-prospettivi**⁷¹ żvelaw li x-xejriet u t-trasformazzjonijiet soċjetali attwali, eż. iż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u fid-dekarbonizzazzjoni⁷² se jkollhom impatt fuq it-tniġġis. Dawn it-trasformazzjonijiet jistgħu jintroduċu benefiċċji għas-saħħa u għall-ambjent, speċjalment jekk l-ambizzjoni ta' tniġġis żero tittieħed bħala gwida. Eż. il-pjan direzzjonali tat-teknoloġija industrijali għat-teknoloġiji ċirkolari u l-mudelli kummerċjali li qegħdin jitħejjew ifakkru fil-ħtieġa li r-riċerka tindirizza s-sinerġiji kif ukoll il-kompromessi bejn iċ-ċirkolarità u t-tniġġis żero. Dawn ix-xejriet emerġenti u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali kontinwa jistgħu jipprovdu triq għal Ewropa aktar sostenibbli, iżda dan se jiddependi mis-sitwazzjoni soċjoekonomika.

4. KONKLUŻJONIJET EWLENIN

Dan ir-rapport integrat ta' monitoraġġ u prospettiva dwar it-“tniġġis żero” jissottolinja għal darb'oħra li **t-tliet kriżijiet ambjentali simultanji - it-tniġġis, it-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità, huma relatati mill-qrib**. It-tranżizzjoni għal mudell ekonomiku nadif, ċirkolari u newtrali għall-klima qiegħda ssir dejjem aktar urġenti – kemm għall-UE kif ukoll għall-bqija tad-dinja.

Il-**kriżi ekonomika u tal-enerġija attwali** kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-**irkupru mill-pandemija tal-COVID-19** qegħdin jaffettwaw il-ħajja tan-nies madwar l-UE. Ċerti miżuri ta' tnaqqis u ta' kontroll tat-tniġġis mhux qegħdin jaħdmu minħabba interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista⁷³, li se jagħmlu l-

⁶⁷ Din tista' tinkludi approċċi tax-xjenza mill-pubbliku, bħal permezz tal-Missjoni tal-UE “Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna”, li tappoġġa t-tnedija madwar l-UE kollha tal-inizjattiva Plastic Pirates biex tinvolvi u tagħti s-setgħa liż-żgħażaġħ madwar l-Ewropa biex jimmonitorjaw u jindirizzaw it-tniġġis mill-plastik fix-xmajjar, fil-kosti u fl-ibħra.

⁶⁸ Abbażi tal-Impronta tal-Konsum u dik Domestika tal-JRC, ara [hawnhekk](#).

⁶⁹ [JRC \(2020\): “Environmental sustainability of European production and consumption assessed against planetary boundaries”](#)

⁷⁰ [JRC \(2022\): “Consumption Footprint: assessing the environmental impacts of EU consumption, European Commission”, JRC126257.](#)

⁷¹ B'kuntrast għall-prospettivi bbażati fuq l-immudellar, il-previżjoni qiegħda tesplora, tantiċipa u ssawwar il-futur permezz tal-intelliġenza kollettiva b'mod strutturat, u sistemiku biex jiġu antiċipati l-iżviluppi. Ara [r-rapport FORENV 2021](#) u s-[sommariju ta' sinteżi](#) kif ukoll [COM\(2022\) 289](#)

⁷² Eż. għodod u stili ta' ħajja diġitali prevalenti, trasformazzjonijiet fejn u kif ngħixu u naħdmu, monitoraġġ u metodi tad-*data* ġodda għat-tniġġis, bini ħaj u firxa ġdida ta' materjali tal-bini u rivoluzzjonijiet b'diversi aspetti tas-sistema tal-ikel.

⁷³ Eż. in-nuqqas ta' provvisti ta' sustanzi kimiċi meħtieġa għat-tindif tal-arja mniġġsa (eż. il-prodotti bbażati fuq l-ammonijaka jew l-urea jintużaw biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' NOx minn vetturi li jaħdmu bid-diżil) jew mill-ilma (eż. l-imluħa tal-ħadid, il-kloridrat jew l-aċidu sulfuriku għat-ttrattament tal-ilma mormi).

progress fit-tnaqqis tat-tniġġis ħafna aktar diffiċli fuq perjodu ta' żmien qasir. Madankollu, fuq perjodu ta' żmien medju sa itwal, nistgħu nipprovaw insibu modi biex nittrasformaw l-isfidi attwali f'opportunitajiet biex jiġi indirizzat it-tniġġis. Pereżempju, ir-rieda kollettiva li tiżdied l-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE billi jitħaffef b'mod sinifikanti l-użu ta' enerġija rinnovabbli nadifa se tikkontribwixxi wkoll għat-tnaqqis tat-tniġġis.

Huwa ċar li **l-kooperazzjoni globali** biex tiġi indirizzata l-kriżi planetarja qiegħda tintensifika. L-UE **trid tkun parti mis-soluzzjoni globali**, peress li l-impronta tat-tniġġis tagħha hija għolja wisq⁷⁴. L-**inugwaljanzi** fil-livelli tat-tniġġis huma għoljin ukoll, u jaffettwaw il-partijiet l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà. L-UE qiegħda tmexxi s-sejħa għal eżiti ambizzjużi fin-negozjati tal-COP15 għal strateġija globali dwar il-bijodiversità u fil-konferenza tan-NU ta' Marzu 2023 dwar id-Deċennju tal-Ilma u qiegħda twitti t-triq għal ftehim globali dwar il-plastiks.

Dan ir-rapport jimmarka l-punt tat-tluq dwar **“Perkorsi lejn arja, ilma u ħamrija aktar nodfa għall-Ewropa”**. L-evidenza hija konvinċenti bħalma huma l-isfidi u l-opportunitajiet. B'mod ġenerali, il-livelli ta' tniġġis qegħdin jonqsu f'diversi żoni ta' tniġġis, eż. fir-rigward tat-tniġġis tal-arja jew tal-pestiċidi. Fl-istess ħin, għad hemm problemi oħrajn ta' tniġġis, eż. ix-xejriet għall-istorbju, għat-tniġġis tan-nutrijenti jew għall-ġenerazzjoni tal-iskart municipli huma pjuttost stabbli matul l-aħħar snin. L-ilhug tal-miri ta' tniġġis zero għall-2030 ma huwiex garantit għal dawk. Għalhekk, it-**tranżizzjoni ekoloġika u diġitali jeħtieġ li taċċellera** biex tippermetti lill-UE tilħaq dawn il-miri tal-2030. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni wettqet jew għamlet avvanz fit-33 azzjoni mħabbra kollha għall-2021-2024⁷⁵.

Dak li huwa l-aktar meħtieġ issa biex it-tniġġis zero jsir dejjem aktar realtà huwa:

1. **il-ftehim tal-koleġiżlaturi dwar proposti leġislattivi ewlenin;**
2. **l-implimentazzjoni msaħħa ta' partijiet kruċjali tad-dritt tal-Unjoni** fil-livell lokali, nazzjonali u transfruntier⁷⁶; u
3. **il-promozzjoni ta' inizjattivi globali, li jappoġġaw lil pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom.**

⁷⁴ Ara r-[Rapport tal-EEA Nru 1/2020](#) “Is Europe living within the limits of our planet?”.

⁷⁵ Ara l-[intraċċatur tal-azzjoni](#) għat-Tniġġis Żero.

⁷⁶ Permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ir-Regolament (UE) 2021/240), il-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri, fuq talba, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, inkluż l-indirizzar tat-tniġġis tal-arja, tal-ħamrija u tal-ilma kif ukoll il-ġlieda kontra t-telfien tal-bijodiversità u l-appoġġ għat-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ċirkolari.

Barra minn hekk, ir-rapport identifika għadd ta' nuqqasijiet bħall-ħtieġa ta' kondivizzjoni aħjar u l-użu tal-aħħar *data* disponibbli. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), se tindirizza l-lakuni identifikati fl-għarfien u fid-*data* (eż. dwar it-tniġġis tal-ħamrija) sabiex tippreżenta rapport saħansitra aktar komprensiv sal-2024.

5. IL-PASSI LI JMISS

Dan l-ewwel rapport ta' monitoraġġ u prospettiva dwar it-“tniġġis zero” jipprovdi punt tat-tluq għall-monitoraġġ tal-progress lejn l-ambizzjoni tal-UE ta' tniġġis zero. Dan jiġbor evidenza disponibbli faċilment fl-ewwel ħarsa ġenerali ta' livell għoli, integrata, madwar l-UE kollha tat-theddid ewlieni mit-tniġġis u mis-sorsi tiegħu. Se jipprovdi kontribut fl-ewwel rapport ta' progress dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u t-tmien programm ta' azzjoni ambjentali, li għandu jsir sa tmiem l-2023. Jagħti informazzjoni dettaljata fil-biċċa l-kbira tat-taqsimiet speċifiċi għat-tniġġis, eż. dwar it-tniġġis tal-arja, tal-ilma, tal-baħar, dak kimiku u akustiku. Enfasizza wkoll għadd ta' nuqqasijiet li se jiġu indirizzati b'mod immirat sal-2024.

B'mod partikolari, ir-rapport jenfasizza li għad hemm lakuni sinifikanti fl-għarfien u fid-*data* f'xi oqsma, eż. dwar it-tniġġis tal-ħamrija u kwistjonijiet emerġenti li jeħtieġu attenzjoni. Għall-indirizzar tal-lakuna fid-*data*, *data*, servizzi u applikazzjonijiet spazjali pprovduti mis-sistema ta' osservazzjoni tad-dinja tal-UE, Copernicus, għandhom potenzjal konsiderevoli. Ir-riċerka u l-innovazzjoni kontinwi u ppjanati se jappoġġaw ukoll l-edizzjonijiet li jmiss tar-rapport⁷⁷. Oqsma oħrajn li fihom jista' jsir titjib jinkludu d-disponibbiltà u l-puntwalità tad-*data*, u l-effiċjenza u l-effettività tal-ġestjoni tal-għarfien dwar it-tniġġis (eż. billi jiġi ssimplifikat ir-rapportar, tiġi promossa x-xjenza mill-pubbliku u jsir użu aħjar mill-ġhodod diġitali). Bosta inizjattivi diġà għaddejjin jew huma ppjanati, eż. bħala parti mill-approċċ ta' “sustanza waħda, valutazzjoni waħda”⁷⁸ jew il-proposti reċenti dwar il-lista ta' sustanzi li jniġġsu l-ilma⁷⁹.

Il-Kummissjoni u l-EEA se jmexxu t-triq biex jiżguraw li l-kamp ta' applikazzjoni, il-kwalità, il-puntwalità u r-robustezza tal-qafas ta' monitoraġġ u prospettiva ta' “tniġġis zero” jiżiedu ma' kull edizzjoni⁸⁰. Barra minn hekk, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-EEA qegħdin jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw qafas ta' indikaturi speċifiku dwar is-sustanzi kimiċi li se jikkontribwixxi għar-rapport li jmiss.

Se jsir ukoll sforz partikolari biex ikomplu jittejjbu l-preżentazzjoni u l-viżwalizzazzjoni tal-impatti tat-tniġġis, inkluż billi tiġi kkombinata u aggregata l-evidenza varja biex jiġu appoġġati aħjar l-isforzi ta' komunikazzjoni. Barra minn hekk, il-kapaċitajiet ta' prospettiva dwar l-arja, l-ilma u l-baħar u, b'mod partikolari, l-ħamrija se jissaħħu biex jappoġġaw aħjar it-tfassil tal-politika.

⁷⁷ Ara l-eżempji fir-[Rapport Orizzont](#).

⁷⁸ Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li tissimplifika l-fluss ta' informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi fl-Aġenziji rilevanti tal-UE u taġmilmhom disponibbli għall-użu mill-ġdid, inkluż għall-qafas tal-indikaturi. (ara “[Semma' lehnok](#)”)

⁷⁹ COM(2022) 540.

⁸⁰ Ara [SWD\(2021\) 141](#) għal xi dettalji.

Dawn l-isforzi se jgħinu wkoll biex jappoġġaw id-disa' linji ewlenin tal-pjan ta' azzjoni ta' Tniġġis Żero, peress li monitoraġġ u prospettiva aħjar jgħinuna nidentifikaw l-inugwaljanzi fis-saħħa, itejbu l-fehim tagħna tal-iskala tat-tniġġis mill-prodotti u mill-bini, u jippermettu użu aħjar tas-soluzzjonijiet diġitali għall-monitoraġġ tat-tniġġis. Monitoraġġ u prospettiva robusti ta' "tniġġis żero" jikkontribwixxu wkoll għall-valutazzjoni globali tat-tniġġis peress li jippermettulna niffokaw fuq bliet u reġjuni speċifiċi biex niddeterminaw il-progress tagħhom lejn tniġġis żero.

Il-Kummissjoni tistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, lill-Istati Membri, lin-negozji, lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, lill-akkademiċi u lil partijiet ikkonċernati oħrajn biex jipprovdu feedback dwar dan l-ewwel rapport ta' monitoraġġ u prospettiva dwar it-tniġġis żero⁸¹. Il-Kummissjoni se tuża wkoll il-Pjattaforma tal-Partijiet Ikkonċernati għat-Tniġġis Żero, stabbilita f'kooperazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, biex tgħin fit-tħejjija tat-tieni Rapport ta' Monitoraġġ u Prospettiva dwar it-Tniġġis Żero fl-2024.

Il-verżjoni li jmiss tar-rapport se tqis il-progress inizjali li sar u se tistabbilixxi perspettiva għall-ilħuq tal-miri ta' tniġġis żero għall-2030 f'konformità mal-viżjoni ta' tniġġis żero għall-2050 u b'hekk tipprovdi kontribut għar-rieżami ta' nofs it-terminu tat-tmien qafas ta' monitoraġġ tal-EAP dovut fl-2024.

⁸¹ Il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu kuntatt ukoll ma' proġetti rilevanti ta' Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa li għaddejjin u li huma strutturati madwar id-disa' inizjattivi ewlenin fir-rapport imsemmi hawn fuq, sabiex l-għarfien u r-risultati l-ġodda jkunu jistgħu jgħinu fis-soluzzjoni tal-problemi taċ-ċittadini, tal-awtoritajiet u tal-industrija.